Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Lulju 2019**
**(OR. en)**

**10752/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0131 (NLE)**

**COEST 158**
**WTO 192**
**VETER 50**
**AGRI 369**

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra |

# FTEHIM
# FIL-FORMA TA’ SKAMBJU TA’ ITTRI
# BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-UKRAJNA
# LI JEMENDA L-PREFERENZI KUMMERĊJALI
# GĦAL-LAĦAM TAT-TJUR U PREPARATI TAL-LAĦAM TAT-TJUR
# PREVISTI FIL-FTEHIM TA’ ASSOĊJAZZJONI
# BEJN L-UNJONI EWROPEA
# U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA
# U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA,
# U L-UKRAJNA, MIN-NAĦA L-OĦRA

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur li nirreferi għan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna (il-"Partijiet") fir-rigward tal-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur, konklużi fid-19 ta' Marzu 2019.

Dawk in-negozjati rriżultaw fil-ftehim li ġej:

(1) Fil-punt A tal-Appendiċi tal-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), l-entrata għal "Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur" għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur | 0207 11 (30-90)<br>0207 12 (10-90)<br>0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 24 (10-90)<br>0207 25 (10-90)<br>0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 32 (15-19-51-59-90)<br>0207 33 (11-19-59-90)<br>0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)<br>0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)<br>0210 99 (39)<br>1602 31 (11-19-30-90)<br>1602 32 (11-19-30-90)<br>1602 39 (21) | 50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021<br><br>+ 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett (għall-kodiċi NM 0207 12 (10–90)) |

* Għall-finijiet taċ-ċarezza, il-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 stabbiliti fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom ikunu soġġetti għat-TRQ stabbilita fit-tielet kolonna "Kwantità".

(2) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021" għal-linji tariffarji NM 2008 li ġejjin:

0207 11 (30-90)

0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)

0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)

0207 24 (10-90)

0207 25 (10-90)

0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)

0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)

0207 32 (15-19-51-59-90)

0207 33 (11-19-59-90)

0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)

0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)

0210 99 (39)

1602 31 (11-19-30-90)

1602 32 (11-19-30-90)

1602 39 (21)

(3) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, għal-linja tariffarja NM 2008 0207 12 (10–90), it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021 + 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett".

(4) Għall-bqija tas-sena kalendarja li fiha jidħol fis-seħħ dan il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri, il-kwantità addizzjonali ta' 50 000 tunnellata li għandha tiżdied mal-kwota eżistenti ta' laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi kkalkulata fuq bażi pro rata.

(5) Id-dazju tal-aktar nazzjon favorit ta’ EUR 100,8/100 kg nett stabbilit għal-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni għandu japplika għall-importazzjonijiet li jaqbżu t-TRQ aggregat għal-laħam tat-tjur u l-preparati tal-laħam tat-tjur imsemmija fil-punt (1).

Dan il-ftehim fil-forma ta’ skambju ta’ ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tar-riċezzjoni tal-aħħar notifika tal-Partijiet mid-Depożitarju msemmi fl-Artikolu 484 tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni tal-istrument ta’ approvazzjoni jew ta’ ratifika, skambjat bejn il-Partijiet.

Sa meta jidħol fis-seħħ, dan il-ftehim fil-forma ta’ skambju ta’ ittri għandu jiġi applikat b’mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tar-riċezzjoni mid-Depożitarju msemmi fl-Artikolu 484 tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni ta’:

– in-notifika mill-Unjoni tat-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop; u

– in-notifika mill-Ukrajna tat-tlestija tar-ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha,

dik li minnhom tkun l-aktar tard.

Napprezza jekk tikkonfermali l-qbil tal-Ukrajna ma' dan ta' hawn fuq.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

F’isem l-Unjoni Ewropea

B. Ittra mill-Ukrajna

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data ta' llum dwar il-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur, li tinqara kif ġej:

> "Għandi l-unur li nirreferi għan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna (il-"Partijiet") fir-rigward tal-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur, konklużi fid-19 ta' Marzu 2019.
>
> Dawk in-negozjati rriżultaw fil-ftehim li ġej:
>
> (1) Fil-punt A tal-Appendiċi tal-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), l-entrata għal "Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur" għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur | 0207 11 (30-90)<br>0207 12 (10-90)<br>0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)*<br>0207 24 (10-90)<br>0207 25 (10-90)<br>0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)<br>0207 32 (15-19-51-59-90)<br>0207 33 (11-19-59-90)<br>0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)<br>0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)<br>0210 99 (39)<br>1602 31 (11-19-30-90)<br>1602 32 (11-19-30-90)<br>1602 39 (21) | 50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021<br><br>+ 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett (għall-kodiċi NM 0207 12 (10–90)) |

* Għall-finijiet taċ-ċarezza, il-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 stabbiliti fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom ikunu soġġetti għat-TRQ stabbilita fit-tielet kolonna "Kwantità".

(2) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021" għal-linji tariffarji NM 2008 li ġejjin:

0207 11 (30-90)
0207 13 (10-20-30-50-60-70-99)
0207 14 (10-20-30-50-60-70-99)
0207 24 (10-90)
0207 25 (10-90)
0207 26 (10-20-30-50-60-70-80-99)
0207 27 (10-20-30-50-60-70-80-99)
0207 32 (15-19-51-59-90)
0207 33 (11-19-59-90)

0207 35 (11-15-21-23-25-31-41-51-53-61-63-71-79-99)
0207 36 (11-15-21-23-31-41-51-53-61-63-79-90)
0210 99 (39)
1602 31 (11-19-30-90)
1602 32 (11-19-30-90)
1602 39 (21)

(3) Fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, għal-linja tariffarja NM 2008 0207 12 (10–90), it-test fir-raba' kolonna "Kategorija tal-Fażi" għandu jiġi sostitwit b' "50 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett + 18 400 tunnellata/sena espressi f'piż nett b'żieda inkrimentali ta' 800 tunnellata/sena espressi f'piż nett fis-sena 2020 u fis-sena 2021 + 20 000 tunnellata/sena espressi f'piż nett".

(4) Għall-bqija tas-sena kalendarja li fiha jidħol fis-seħħ dan il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri, il-kwantità addizzjonali ta' 50 000 tunnellata li għandha tiżdied mal-kwota eżistenti ta' laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi kkalkulata fuq bażi pro rata.

(5) Id-dazju tal-aktar nazzjon favorit ta' EUR 100,8/100 kg nett stabbilit għal-linji tariffarji 0207 13 70 u 0207 14 70 fl-iskedi tat-Tariffi tal-UE fl-Anness I-A tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu japplika għall-importazzjonijiet li jaqbżu t-TRQ aggregat għal-laħam tat-tjur u l-preparati tal-laħam tat-tjur imsemmija fil-punt (1).

Dan il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tar-riċezzjoni tal-aħħar notifika tal-Partijiet mid-Depożitarju msemmi fl-Artikolu 484 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-istrument ta' approvazzjoni jew ta' ratifika, skambjat bejn il-Partijiet.

Sa meta jidħol fis-seħħ, dan il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tar-riċezzjoni mid-Depożitarju msemmi fl-Artikolu 484 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta':

– in-notifika mill-Unjoni tat-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop; u

– in-notifika mill-Ukrajna tat-tlestija tar-ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha,

dik li minnhom tkun l-aktar tard."

Għandi l-unur nikkonferma li dak li ntqal aktar 'il fuq hu aċċettabbli għall-Ukrajna u li l-ittra tiegħek u din l-ittra jikkostitwixxu ftehim bi qbil mal-proposta tiegħek.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni tal-ogħla stima tiegħi.

Għall-Ukrajna